MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 314/2010

**R Y X P V**
**vs**
**B Z V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Jannar 2003; li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d]; li l-partijiet eskludew it-tfal fiz-zwieg; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghalhekk l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Jannar 2003; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta kkontestat dak imputat lilha, kif ukoll il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-data fuq indikata, stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-attrici qed tikkontesta r-responsabbilita’ taghha ghan-nullita.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Jannar 2003 wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur. Wara konvivenza ta’ circa sena il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Egizzjan, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa ftit xhur.

L-attrici tghid li kienu ilhom johorgu biss xahar flimkien meta l-attur ipproponilha z-zwieg. Hija zzewwget bl-iskop li tibni familja, izda l-konvenut qatt ma ried jkollu x’ jaqsam maghha, u wara z-zwieg qalilha li tfal ma riedx.

Il-konvenut jghid li hu zzewweg lill-attrici biex jingabar. Jghid li fis-sena u nofs konvivenza ma’ l-attrici huma qatt ma’ ghamlu l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal. Lejn tmiem il-konvivenza huwa ltaqa’ ma’ mara ohra li minnha llum ghandu tarbija rikonoxxuta minnu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti f’ dan il-kaz tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li minn dak li semghat u rat il-Qorti, iz-zewg partijiet fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, kienu nkapaci li jassumu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta’ Jannar 2003.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------